MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 282/2012

**Josies Bathroom Centre – C1452**

**vs**

**PDK Developments Limited – C31831**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu dikjarazzjoni illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici ghas-somma ta' sitt mija u hamsin Ewro (€650), rapprezentanti *bathroom accessories* akkwistati minghand l-istess socjeta' fl-4 ta' April, 2011, liema dejn huwa cert likwidu u dovut, u dan skond l-istatement hawn anness u mmarkat Dok. A.

Illi s-socjeta' konvenuta kienet inghatat xahar sabiex teffettwa l-hlas reklamat, liema hlas qatt ma sar u minkejja li hi giet interpellata diversi drabi hija xorta baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant, l-esponenti qedghin umilment jitolbu lil dan l-Onorabbli Bord sabiex jordna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' sitt mija u hamsin Ewro (€650) oltre l-imghax legali mill-4 ta' Mejju, 2011, liema dejn huwa cert likwidu u dovut, u bl-ispejjez.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher rapprezentant taghha ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li rapprezentant tas-socjeta' konvenuta naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u hamsin Ewro (€650.00), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------